# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha, 5 ta' Gunju 2020**

**Kawza Numru: 26**

**Rikors Guramentat Numru:- 449/2019 JVC**

**Marie Louise Formosa gia Perici Calascione**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Marie Louise Formosa gie Perici Calascione (K.I. 747556M) ikkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. 'Illi l-esponenti kienet mizzewga ma' Joseph Perici Calascione fis-27 ta' Settembru tas-sena 1981 fil-Knisja ta' Sant Antnin, Corradino Hill, Paola;

2. Illi l-esponenti u zewgha kienu sseparaw permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella datat 10 ta' Lulju tas-sena 2003 liema dokument huwa anness u mmarkat bhala Dok. 'A' u f'liema kuntratt hija ghazlet li zzomm kunjomha mizzewgha, u cioe 'Perici Calascione';

3. Illi l-esponenti kienet ghamlet kawza ghal annullament taz-zwieg liema kawza giet deciza quddiem it-Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza liema Tribunal ta' sentenza b'dikjarazzjoni favur in-nullita taz-zwieg liema decizjoni hija annessa u mmarkata bhala 'Dok. B'; Illi l-istess decizjoni giet rikonoxxuta mil-Qorti tal-Appell fl-atti tar-rikors bin-Nru 07/2019 fl-ismijiet 'Joseph Perici Calascione vs Marie Louise Perici Calascione permezz ta' digriet fil-21 ta' Marzu tas-sena 2019;

4. Illi l-Qorti laqghet it-talbiet attrici u irrikonoxxiet li z-zwieg gie annullat;

5. Illi permezz ta' ittra mibghuta lila mir-Registru Elettorali l-esponenti skopriet li konsegwenza tal-annullament, l-intimat minghajr ebda avviz biddel kunjoma ta' mizzewga ghal kunjom xbubitha;

6. Illi r-rikorrenti qatt ma riedet li jkollha kunjom differenti minn dak ta' wliedha, li huma Jeremy Joseph Perici Calascione li ghandu tlieta u tletin (33) sena, Zachary Perici

Calascione li ghandu tmienja u ghoxrin (28) sena u Candice Marie Perici Calascione li ghandha erbgha u ghoxrin (24) sena tant illi fil-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi ir-rikorrenti bi qbil mal-ex ragel taghha, ma irrivertietx ghal kunjoma ta' xebba u dan kif jidher mill-istess kuntratt;

7. Illi fl-istess imsemmi kuntratt fi klawsola bin-numru 7 jinghad illi:

   "Il-Partijiet jaqblu li l-pattijiet u l-kundizzjonijiet ta' dan il-kuntratt ma jigux varjati u/jew emendati u/jew revokati f'kaz li z-zwieg taghhom jigi xolt jew dikjarat null minn xi Qorti jew tribunal sia civili sia eklesjastiku, sia lokali u sia esteru, jew minn legislazzjoni sussegwenti li timpingi fuq id-drittijiet tal-konjugi";

8. Illi barra minn hekk il-karta ta' l-identita taghha, il-passaport u kif ukoll il-licenzja tas-sewqan ghadhom taht kunjoma mizzewga u dan kif jidher mid-dokumenti anness u mmarkat bhala Dok. 'C', Dok. 'D' u Dok. 'E' rispettivament;

9. Illi l-identita tal-esponenti hija bhala Marie Louise Perici Calascione u li psikologikament ma tiflahx li tista terga tmur lura ghal kunjoma ta' xebba tant illi kif saret taf bit-tibdil f'kunjoma kellha tirrikorri ghal ghajnuna psikologika;

10. Illi ghal-fini tal-Artikolu 20(3) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta l-effetti ta' zwieg validu "jekk wahda biss mill-partijiet kienet in bona fide dawk l-effetti japplikaw favur taghha u favur l-ulied". Illi jirrizulta mid-decizjoni tat-tribunal ekklesjastiku fuq imsemmi u li huwa anness u mmarkat bhal Dok.'B' illi kien biss zewgha li kien in mala fede u

ghaldaqstant ai termini tal-Artikolu 20(3) l-effetti ta' zwieg validu ghandhom japplikaw favur l-esponenti, liema Artikolu ghandu wkoll japplika ghad-dritt tal-esponenti li zzomm kunjoma ta' mizzewga u li jekk dan ma jsirx l-esponenti ser tkompli tigi ppregudikata;

Ghaldaqstant l-esponenti qieghda titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex

1. Tordna illi r-rikorrenti tigi indikata biss bil-kunjom Perici Calascione;

2. Tordna konsegwentement illi l-atti kollha tal-hajja civili pertinenti ghar-rikorrenti jindikawa bil-kunjom Perici Calascione u li jsiru il-korrezzjonijiet kollha mehtiega sabiex jigi rifless dan;

3. Tordna l-atti pubblici kollha relatati mal-esponenti jigu ndikati bhala Marie Louise Perici Calascione;

4. Tordna li jsiru l-annottazzjonijiet mehtiega a skans ta' kull ekwivoku li jista jkun pregudizzjonali ghall-esponenti fil-hajja taghha;

U dan kollu prevja kull provediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuna f'dan il-kaz;

Bl-ispejjez'.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. 'Illi l-esponent jirrileva illi ma huwiex edott mill-fatti kif iddikjarati fir-rikors guramentat;

2. Illi tali azzjoni qieghda tigi bbazata fuq l-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, isegwi li t-talba tar-rikorrenti hija insostenibbli stante li m'hemmx konnessjoni mal-kunjom Perici Calascione u anqas li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni. Ghalhekk galadarba ma kien sar l-ebda zball jew ommissjoni jsegwi li l-ebda korrezzjoni jew tiswija ta' kunjom iehor ma tista' tigi effetwata lill-imsemmija atti tal-istat civili skont id-dettami tal-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi dejjem bla ebda pregudizzju ghas-suriferit lanqas it-tieni talba ma tista' tintlaqa' ghaliex skont l-Artikolu 253 (3) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta r-rikorrenti ghandha tispecifika n-numru u s-sena tal-atti tal-istat civili li hija qieghda taghmel riferenza ghalihom;

4. Illi tali talba hija evidentement mhux sostenibbli peress li r-rikorrenti qieghda titlob biex tirriverti lura ghal kunjom tal-ex-ragel taghha minkejja li z-zwieg taghhom gie annullat permezz tas-sentenza msemmija fl-istess rikors taghha. Una volta z-zwieg gie annullat, ifisser qisu qatt ma sar u ghalhekk hija qatt ma tista' terga' tiehu kunjomu. Dan fil-fatt gie ukoll ikkonfermat minn din il-Qorti, izda diversament preseduta, fis-sentenza fl-ismijiet **Rimona Mifsud maghrufa Cristiano vs. Direttur tar-Registru Pubbliku et**, deciza nhar id-29 ta' Ottubru 2012;

5. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex

attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ngunta in subizzjoni'.

Rat l-affidavits, dokumenti, kuntratti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat id-digriet tas-17 ta' Mejju, 2019 ta' din il-Qorti kif diversament preseduta fejn il-Qorti nnutat li ma gewx ipprezentati c-certifikati li taghhom kien qed jintalab il-korrezzjoni u gie mitlub lir-rikorrenti sabiex tirregola ruhha billi tindika l-atti fil-premessi u fit-talbiet u tirregola ruhha;

Rat illi fil-verbal tat-3 ta' Marzu, 2020 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghallum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu nota ta' referenzi b'termini mposti fuqhom;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz tal-kawza odjerna l-attrici qieghda titlob li jigi rikonoxxut il-fatt li hija zammet il-kunjom Perici Calascione nonostante s-separazzjoni personali minn ma' zewgha u d-dikjarazzjoni tal-annullament tal-istess zwieg u dan fl-atti kollha tal-hajja civili flok dak Formosa. Jirrizulta mill-atti li z-zwieg minn mar-ragel taghha Joseph Perici Calascione gie dikjarat null permezz ta' sentenza tat-Tribunal Regionale Secundae Instantiae (ara sentenza a fol. 16 sa fol. 36 tal-process), liema sentenza giet

rikonoxxuta mill-Qorti ta' l-Appell permezz tar-rikors bin-numru 07/2019 fl-ismijiet Joseph Perici Calascione -vs- Marie Louise Perici Calascione bid-digriet tal-21 ta' Marzu, 2019.

Illi l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa *inter alia* li t-talba tal-attrici hija nsostenibbli stante li m'hemmx konnessjoni mal-kunjom Perici Calascione u lanqas sar xi zball jew xi ommissjoni b'tali mod li tali korrezzjoni jew tiswija ta' kunjom ma tistax issir ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Di piu' eccepixxa li lanqas it-tieni talba ma tista' tintlaqa' u dana stante li a tenur tal-Artikolu 253 (3) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-attrici naqset li tispecifika n-numru u s-sena tal-atti tal-istat civili li referenza ghalihom hija ghamlet. Huwa qal illi la darba z-zwieg bejn il-partijiet gie annullat, dan ifisser li qisu qatt ma sar u ghalhekk hija qatt ma tista' terga' tiehu kunjomu.

Illi d-Direttur intimat isostni li din il-kawza qieghda ssir ai termini tal-Artikoli 253 *et seq* tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghtu dritt lil persuna li tressaq talba gudizzjarja sabiex tinghata korrezzjoni fir-registrazzjoni ta' isem jew ismijiet fl-atti tal-istat civili. L-Artikolu 253 tal-Kodici Civili jaqra kif isegwi:

> (1) Kull persuna tista' tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet jew tħassir ta' reġistrazzjoni, jew għar-reġistrazzjoni ta' att illi d-Direttur, bil-kunsens tal-Imħallef irtirat jew Maġistrat irtirat jew avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, ikun irrifjuta li jirċievi.
>
> (2) Kull persuna tista' tagħmel talba ġudizzjarja għar-reġistrazzjoni tal-isem jew ismijiet, liema isem jew ismijiet il-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha, u liema jkunu ddikjarati mill-qorti li huma l-isem jew l-ismijiet

li bihom il-persuna kienet konsistentement imsejħa, minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv jew li huma mniżżla fir-Reġistru ta' Persuni Adottati bħala l-isem jew l-ismijiet mogħtija u l-isem jew l-ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa:

Iżda, t-talba ġudizzjarja msemmija f'dan is-subartikolu m'għandhiex issir meta l-isem jew l-ismijiet li l-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha jkunu biss verżjoni imqassra jew abbrevjazzjoni tal-isem jew ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv.

(2A) Meta, fiċ-ċirkostanzi msemmija fid-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) l-isem jew ismijiet li l-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha ma jkunux proprjament isem jew ismijiet differenti iżda verżjoni tradotta f'lingwa Ewropea oħra tal-istess isem jew ismijiet li jkunu reġistrati fl-att tat-twelid, u l-użu ta' dak l-isem jew ismijiet tradotti jkun jirriżulta jew minn att tal-istat ċivili ieħor ta' dik il-persuna jew minn dokument ta' identifikazzjoni legalment validu jew passaport Malti li jkun maħruġ lilu qabel il-31 ta' Diċembru 2011, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, fuq talba bil-miktub li trid tkun sostnuta b'dikjarazzjoni maħlufa magħmula mill-persuna kkonċernata, jista' wara li huwa jkun sodisfatt bil-korrettezza u bil-veraċità ta' dik it-talba u d-dikjarazzjoni maħlufa, jipproċedi billi jdaħħal annotazzjoni li tirrifletti dak il-bdil tal-isem jew ismijiet fl-atti tal-istat ċivili li jkunu jmissu lil dik il-persuna.

(3) It-talba ġudizzjarja msemmija fis-subartikolu (2) għandha tinkludi talba biex il-bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-

reġistrazzjoni msemmija f'dan is-subartikolu jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili relattiv għall-istess persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna; liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattivi tagħhom.

(4) Kull talba għandha ssir fil-qorti kompetenti b'rikors ġuramentat kontra d-Direttur.

(5) F'kull talba bħal din, id-dikjarazzjoni msemmija fl-artikolu 158(4) u (5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tista' wkoll tiġi konfermata bil-ġurament minn kull uffiċjal imsemmi fl-artikolu 306(1) jew (4).

Illi ghandu jinghad li l-Artikolu 253 (1) u (2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jippermetti, taht certi cirkostanzi, l-bdil ta' isem ta' persuna. Bil-kuntrarju l-korrezzjoni ta' kunjom jirrizulta li legalment huwa aktar imprekattiv u jista' jsir biss jekk jirrizulta li kien rizultat ta' zball genwin. Fil-fatt il-Qrati Maltin fid-decizjonijiet taghhom dejjem zammew rigidi fil-kaz ta' korrezzjoni fil-kunjom.

Illi l-attrici xehdet permezz tal-procedura tal-affidavit a fol. 53 sa fol. 56 tal-process fejn fost affarijiet ohra spjegat u sahqet fuq il-pregudizzju li hija ser issofri jekk tibqa bil-kunjom Formosa u mhux Perici Calascione. Tispjega li hija ghandha tlieta u sittin (63) sena u ghaddew disgha u tletin (39) sena tuza l-kunjom Perici Calascione u ghalhekk hija assumiet identita' b'dak il-kunjom. Tghid illi:

'Kulhadd jafni b'dan il-kunjomu dan peress illi ilni izjed snin mgharufa bil-kunjom Perici Calascione milli bil-kunjom

Formosa. Dan il-kunjom ta' l-ahhar ma baqax l-identita' tieghi u hadd ma jassocjani bih. Perici Calascione huwa kunjomi u kunjom uliedi u ma jkunx gust illi wara dawn is-snin kollha fl-eta' tieghi rrid nerga nibdel din l-identita u nassumi ohra.'

Sabiex issahhah l-argument taghha l-attrici pprezentat ammont konsiderevoli ta' dokumenti li jvarjaw minn kuntratti pubblici; kopja tal-faccata ta' kotba li taghhom hija l-awtrici; dokumenti personali relatati mas-sahha, mad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, mat-Tezor, mad-Dipartiment tat-Taxxa, kontijiet bankarji, credit cards u hafna ohrajn. Dawn id-dokumenti varji li gew ipprezentati mill-attrici jindikaw lill-attrici bhala Marie Louise Perici Calascione u mhux bhala Marie Louise Formosa (ara d-dokumenti a fol. 57 sa fol. 102 tal-process). L-attrici ressqet ukoll xhieda varji li lkoll iddikjaraw li ilhom jafu lill-attrici ghal numru ta' snin. Di fatti xehed Timothy Zammit bil-procedura tal-affidavit a fol. 104 tal-process fejn ikkonferma bil-gurament tieghu li ilu jaf lill-attrici ghal tnejn u ghoxrin (22) sena u dejjem kienet maghrufa mieghu bil-kunjom Perici Calascione. L-istess xehdet Theresa Gatt bil-procedura tal-affidavit a fol. 105 tal-process fejn ikkonfermat illi ilha taf lill-attrici ghal tnejn u ghoxrin (22) sena u dejjem tafha b'dak il-kunjom ta' Perici Calascione. Bridget Axiaq ukoll xehdet bil-procedura tal-affidavit a fol. 106 tal-process fejn qalet illi ilha taf lill-attrici b'dak l-isem ghal dawn l-ahhar tnax (12) il-sena. Taghlaq billi tghid illi dik hija l-identita' taghha.

Illi din il-Qorti rat li mir-rikors guramentat tar-rikorrenti minn imkien ma jirrizulta li t-talbiet attrici huwa msejsa ai termini tal-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Anzi l-Qorti rat li primarjament it-talba tar-rikorrenti hija msejjsa fuq in-nuqqas ta' ottemperenza tad-Direttur intimat ma' dak miftiehem bejn il-

partijiet fil-kuntratt pubbliku ta' separazzjoni li fil-klawsola numru 7 tieghu jaqra kif isegwi:

> "Il-Partijiet jaqblu li l-pattijiet u l-kundizzjonijiet ta' dan il-kuntratt ma jigux varjati u/jew emendati u/jew revokati f'kaz li z-zwieg taghhom jigi xolt jew dikjarat null minn xi Qorti jew tribunal sia civili sia eklesjastiku, sia lokali u sia esteru, jew minn legislazzjoni sussegwenti li timpingi fuq id-drittijiet tal-konjugi"; (ara kopja tal-kuntratt a fol. 8 tal-process).

Il-Qorti rat il-kopja tal-kuntratt pubbliku ta' separazzjoni esebita fl-atti a fol. 4 et seq tal-process u vverifikat li mkien f'dan il-kuntratt ma tnizzlet xi klawzola li l-mara kienet qed tirriverti ghal kunjom xbubitha b'dana li hija baqghet bil-kunjom ta' mizzewga Perici Calascione.

Illi din il-Qorti tifhem li l-argument tad-Direttur intimat huwa li malli giet dikjarata n-nullita' taz-zwieg is-sitwazzjoni normali legali hija li kollox jirriverti daqs li kieku z-zwieg qatt ma sar pero' bl-argument tad-Direttur allura lanqas il-kuntratt ta' separazzjoni personali ghandu jitqies daqs li kieku qatt ma sar ipotezi li legalment ma taghmel l-ebda sens logiku. Dan l-argument ukoll jinjora b'mod assolut dan li tghid il-klawzola numru 7 tal-istess kuntratt. Bl-istess argument tad-Direttur ulied ir-rikorrenti ma jezistux ghax iz-zwieg gie dikjarat null! Il-fatt hu li fl-atti gie debitament pruvat lill-Qorti li permezz tal-kuntratt pubbliku ta' separazzjoni msemmi kienu l-partijiet stess fiz-zwieg li qablu li f'kaz ta' annullament taz-zwieg taghhom il-pattijiet kollha fl-istess kuntratt jibqghu mhux mittiefsa. Dan jinkludi wkoll indubbjament il-fatt li l-mara ghazlet li tibqa' bil-kunjom ta' mizzewga Perici Calascione. Il-Qorti tqis illi kieku kellha tilqa' l-eccezzjonijiet tad-

Direttur intimat dan ikun qed ifisser li l-kuntratt pubbliku ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet datat fl-10 ta' Lulju, 2003, liema kuntratt legalment ghandu effett ukoll fuq terzi, jingieb fix-xejn. Din hija stiwazzjoni li legalment certament mhijiex accettabbli. L-izball li sar fil-kwistjoni odjerna huwa car u cioe' li d-Direttur intimat injora b'mod assolut il-kuntratt pubbliku ta' separazzjoni datat 10 ta' Lulju, 2003 u kien ghalhekk li spicca rregistra lir-rikorrenti b'kunjom divers minn dak li hija effettivament kellha ghal dawn l-ahhar 39 sena kif iddikjarat fl-affidavit taghha fl-atti. Kjarament f'ghajnejn il-Qorti din mhijiex kwistjoni li taqa taht l-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta izda hija kwistjoni fejn id-Direttur intimat ghandu jottempera ruhu ma' dak li gie miftiehem bejn il-konjugi fil-kuntratt pubbliku ta' separazzjoni liema kuntratt ghandu validita' u effett ukoll fil-konfront ta' terzi nkluz id-Direttur intimat. Ghaldaqstant il-Qorti tqis li d-Direttur ntimat ghandu jaghmel id-debitu notament fuq l-istess certifikat taz-zwieg tar-rikorrenti ma' Joseph Perici Calascione (liema zwieg sehh nhar is-27 ta' Settembru tas-sena 1981) fl-istess parti fejn saret l-annotazzjoni tar-registrazzjoni tas-sentenza ta' annullament illi permezz tal-kuntratt pubbliku ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella datat l-10 ta' Lulju, tas-sena elfejn u tlieta (2003) il-mara zammet il-kunjom taghha bhala mizzewga. B'din l-annottazzjoni d-Direttur ikun qed jaghmel tajjeb ghall-ommissjoni tieghu li naqas milli jirrikonoxxi l-ezistenza ta' dan il-kuntratt **u l-kontenut kollu tieghu** li sallum ghadu validu u vigenti ai fini u effetti kollha tal-ligi. Huwa ghalhekk f'dan is-sens li t-talbiet tar-rikorrenti ser jigu milqugha minn din il-Qorti.

Il-Qorti rat ukoll id-decizjomi li ghaliha saret referenza mid-Direttur intimat fir-risposta tieghu fl-ismijiet Rimona Mifsud maghrufa Cristiano vs. Direttur tar-Registru Pubbliku et. datata 29

ta' Ottubru, 2012 izda vverifikat li f'dik id-decizjoni it-talbiet gew michuda stante li l-Qorti ddecidiet li kienu msejsa ai termini tal-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li din il-Qorti fir-rigward tat-talbiet odjerni l-Qorti qieset li t-talbiet tar-rikorrenti m'humiex imsejsa ai termini ta' dak l-artikolu tal-ligi izda a bazi tal-fatt li d-Direttur intimat naqas milli jirrikonoxxi fl-atti tieghu il-validita ta' kuntratt pubbliku ezistenti, validu u vinkolanti anki fil-konfront ta' terzi.

Il-Qorti rat in oltre li r-rikorrenti sejjset ukoll it-talba taghha fit-termini tal-Artikolu 20 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra kif isegwi:

Il-Qorti rat il-parti rilevanti tal-artikolu 20 li jaqra kif isegwi:

'(1) Jekk żwieġ ikun dikjarat null l-effetti ta' żwieġ validu għandhom jitqiesu li kienu jeżistu, favur il-miżżewġin sakemm is-sentenza ta' nullità tkun saret res judicata meta l-miżżewġin ikunu żżewġu in bona fide. . .'

'(3) Jekk waħda biss mill-partijiet kienet in bona fide dawk l-effetti japplikaw favur tagħha u favur l-ulied.'

Illi jirrizulta li fl-atti odjerni l-intimat ma kkontestax il-pretensjoni tar-rikorrenti li hija zzewget in bona fide u wkoll hekk gie dikjarat fid-decizjoni tal-annullament taz-zwieg. Dan jirrizulta wkoll lill-Qorti minn qari tal-istess decizjoni esebita fl-atti. Fit-termini tas-sub-artikolu 1 u 3 tal-artikolu 20 l-effetti taz-zwieg kollha ghandhom jibqghu kkunsidrati bhala ezistenti favur il-parti li tkun in bona fide nonostante d-dikjarazzjoni tan-nullita'. Effett minnhom jirrizulta li kien li r-rikorrenti maz-zwieg hadet il-kunjom Perici Calascione. Jirrizulta lil din il-Qorti li d-Direttur

intimat ukoll fir-risposta tieghu mhux qed jirrikonoxxi l-ezistenza tal-kunjom tar-rikorrenti sad-data bhala Perici Calascione sad-data tad-decizjoni nonostante li dan huwa sanzjonat mill-artikolu 20 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk huwa legalment zbaljat id-Direttur intimat fejn fir-risposta tieghu jsostni li r-rikorrenti ma ghandha l-ebda konnessjoni mal-kunjom Perici Calascione. Ukoll minn dan l-aspett legali it-talbiet tar-rikorrenti jisthoqq li jigu milqugha.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet attrici kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna illi r-rikorrenti tigi indikata biss bil-kunjom Perici Calascione b'effett mid-data taz-zwieg taghha fis-27 ta' Settembru 1981;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna konsegwentement illi l-atti kollha tal-hajja civili pertinenti ghar-rikorrenti mid-data taz-zwieg taghha fis-27 ta' Settembru tas-sena 1981 l' quddiem fil-poter tad-Direttur intimat jindikawha bil-kunjom Perici Calascione u li jsiru l-korrezzjonijiet kollha mehtiega sabiex jigi rifless dan;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna li l-atti pubblici kollha relatati mal-esponenti fil-poter tad-Direttur intimat mid-data taz-zwieg taghha fis-27 ta' Settembru 1981 jigu ndikati bhala Marie Louise Perici Calascione u mhux b'xi kunjom iehor;

4. Tilqa' r-raba' talba u tordna li jsiru l-annotazzjonijiet mehtiega kif indikat minn din l-istess Qorti f'din id-decizjoni, a skans ta' kull ekwivoku li jista' jkun pregudizzjonali ghall-esponenti fil-hajja taghha.

Fic-cirkustanzi kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**5 ta' Gunju, 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**5 ta' Gunju, 2020**